MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2428/2000/1

**Georgia Agius**

**vs**

**Emanuel Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-11 ta' Frar 1979 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fil-Knisja Parrokkjali ta' San Bastjan, Hal-Qormi.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett stante illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikologika

serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' l-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-11 ta' Frar 1972 kif indikat fl-Att taz-Zwieg numru ta' l-iskrizzjoni 317/72 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255)** kif sussegwentement emendat, u taghti kull provvediment li jkun opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta’ xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2001.

Rat li ghalkemm notifikat fis-17 ta’ Settembru 2001 bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tal-kawza, l-konvenut baqa’ ma prezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbali tal-25 ta’ Settembru 2001; tat-22 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u tas-17 t’April 2002.

Rat in-nota tal-attrici tat-13 ta’ Mejju 2002 fejn prezentat l-affidavit ta’ Connie Spiteri (fol 15 sa 17 tal-process).

Rat is-seduta mizmuma mill-Perit Legali Dr Veronica Galea Debono.

Rat il-verbali tat-22 t'Ottubru 2002 u tal-10 ta' Dicembru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u Dr Ludwig Caruana ghall-attrici rrimetta ruhu ghall-istess rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2003.

Rat ir-rappport tal-Perit Legali a fol 22 sa 38 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) IL-PROVI.

Illi l-attrici xehedet permezz ta' affidavit taghha markat u esibit bhala “Dok. B”. Hija pproduciet wkoll bhala xhud taghha lill-Connie Spiteri li xehedet permezz ta’ affidavit taghha markat u esebit bhala “Dok. C”.

### (B) KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT.

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnha, l-attrici qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif previst fl-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**, u billi l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, kif previst fl-**artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi l-**Artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jiddisponu kif gej:-

*“19 (1) ‘B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null –*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew*

*aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi ezaminati t-talbiet attrici dwar in-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatment, jinghad li fl-ewwel lok, sabiex jigi kkunsidrat l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-'*commitment*' li jikkomporta z-zwieg, u cioe` '*commitment*' li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita` li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe` li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kullhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … ... richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita".* **(Forum 1990. Vol. I,** part 1, pg. 72).

Illi l-kuncett tad-'*discretio judicii*' ma jirrikjedix maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili ivarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. … … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

**(‘Il Diritto Canonico Matrimoniale** – ***Bersini*** - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta` u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cioe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ma taghtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta’ hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tad-difett ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u d-dmirijiet essenzjali taghha, din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura.

Illi **l-attrici** spjegat fl-affidavit taghha, li hija kienet izzewwget lill-konvenut fil-11 ta’ Frar 1972 meta kellha l-eta’ ta’ 21 sena, u minn dan iz-zwieg kellha erbat itfal.

Illi l-attrici spjegat b’mod car u b’enfazi li sakemm kienet ghadha qed tghix id-dar mal-ginituri taghha, hija kienet imdejqa hafna w kellha seba’ mitt sena sakemm setghet titlaq minn hemm.  Hija tispjega li r-raguni ghal dan kien il-fatt li missier l-attrici kien bniedem zorr hafna w l-hin kollu jghajjat maghha u ma hutha.

Illi l-attrici xehedet illi kienet tibza' hafna minn missierha, u fi kliemha izjed precizament hija xehedet hekk:-

*"Sakemm izzewwigt jiena kont noqoghod id-dar mal-genituri tieghi flimkien ma tlett huti ohra.  Jiena kont imdejqa d-dar u minn dejjem xtaqt nitlaq mid-dar.  Kont nibza' hafna minn missieri ghaliex huwa kien zorr hafna mieghi u ma' huti.  Kien kontinwament jghajjat mieghi u ma kienx ihallini nohrog.  Kont nitwerwer minnu anke jekk jersaq lejja biex ikellimni ghaliex huwa kien dejjem jghajjat".*

Illi l-konvenut kien l-ewwel guvni li harget mieghu l-attrici, u dan principalment minhabba li kienet tibza' minn missierha. Kull ma damu johorgu flimkien il-partijiet kienu xi sitt (6) xhur qabel ma zzewwgu.  F'dawn is-sitt xhur, u anzi mill-bidu nett tar-relazzjoni l-attrici tghid illi l-konvenut kien jittrattaha hazin hafna.  Kien jiftiehem biex jiltaqa' maghha f'xi hin u post izda ma kienx jitfacca u jhalliha hemm tistenna fil-vojt.  Kien anki jghidilha biex tiltaqa' mieghu d-dar tieghu, izda kien ihalliha tistenna ma ommu u ma jitfaccax.  Mbaghad, x'hin kien jitfacca, hekk kif kienet isaqsieh fejn kien, kien jibda jghajjat maghha u jidghi ghal xejn b'xejn.

Illi milli jidher, il-konvenut lanqas ma kien juri rispett lejn ommu.  Fil-fatt hi kienet wissiet l-attrici li binha kien bniedem sfrattat, dejjem jigri barra mal-hbieb.  Huwa gieli kien jidghi, jitkellem hazin u joffendi lill-ommu quddiem l-attrici.

Illi alavolja l-konvenut kien igib ruhu daqshekk hazin ma l-attrici w ma kien juriha l-ebda rispett, hija xehedet hekk:-

*"jiena bqajt mieghu ghaliex kont iffissajt li rrid nitlaq mid-dar ghaliex ma stajtx nissoporti aktar is-sitwazzjoni tad-dar.  Iddecidejt li jekk jiena nibqa' nohrog ma Emanuel, kont nista' nizzewgu u bil-konsegwenza ta' hekk jien stajt nitlaq mid-dar.  Ma stajtx nitlaq qabel mid-dar ghaliex ma kellix fejn immur u wkoll ghaliex kont nibza' li meta missieri jsir jaf kien jigi jaghmel ghalija.  Jiena ma kontx kuntenta ma' Emanuel ghaliex, kif ghidt aktar `l fuq, hu*

*kien jittrattani hazin hafna. Biex ikellimni ried bilfors jidghi u jinsulentani. Dan kien jaghmlu quddiem in-nies ukoll. Madankollu, jien kont lesta li naccetta dawn l-affarijiet ghaliex kelli seba' mitt sena biex nitlaq mid-dar u din l-okkazzjoni ma ridtx nitlifha".*

Illi missier l-attrici stess meta sar jaf illi kienet qed tohrog mal-konvenut kien irrabjat u ma ridhiex tohrog mieghu izjed ghaliex kien sar jaf li l-konvenut kien `*ragel hazin'* u li ma kienx jghodd ghaliha. Madankollu, l-attrici webset rasha u baqghet mieghu bit-tama li dan ikun is-soluzzjoni ghall-problemi li kellha d-dar taghha.

Illi gara li ftit xhur li l-partijiet bdew johorgu flimkien, il-konvenut kien ghal xi raguni xeba jghix hawn Malta, u kien iddecieda jmur jghix l-Awstralja u jhalli l-attrici hawn. Mbaghad ftit xhur wara li telaq u mar jghix l-Awstralja b'xi mod il-partijiet kienu ftehmu li jizzewgu, w hekk sar ghaliex alavolja l-konvenut kien baqa' l-Awstralja huwa kien awtorizza liz-zija tieghu biex tidher ghalih fiz-zwieg bi prokura!

Illi sabiex il-pjanijiet taghha ma jigux sfrattati, l-attrici ma kienitx qalet lill-missierha x'kien bi hsiebha taghmel. Tant hu hekk illi missier l-attrici kien sar jaf biz-zwieg ta' bintu wara li kienet diga mizzewga, u dan ghaliex qaltlu omm l-attrici. Hadd mill-familja ta' l-attrici ma kien prezenti ghaz-zwieg taghha.

Illi wara z-zwieg mbaghad, l-attrici baqghet tahdem sabiex tfaddal bizzejjed flus biex tkun tista' tmur hdejn il-konvenut gewwa l-Awstralja, w meta fadlet bizzejjed telqet minn Malta. Madankollu l-atteggjament tal-konvenut ma nbidel ghal xejn, u baqa' jghajjar u joffendi l-attrici anki quddiem in-nies ta' sikwiet. Mhux talli hekk imma sahansitra darba taha daqqa ta' ponn quddiem in-nies u meta marru lura d-dar qalilha li kien hanin maghha ghax ma kienx immankalha wiccha!!

Illi wara xi sentejn (2) zwieg twieldet l-ewwel tarbija tal-partijiet. Waqt li kienet tqila, l-konvenut xorta wahda kien johrog jixrob ma shabu w kien gieli dahal id-dar fis-sakkra.

Jekk l-attrici kienet issaqsieh fejn kien ikun, huwa kien jidghi u jinsulentaha. Kien anke imaqdarha u juza' hafna kliem dispreggjattiv fil-konfront taghha. Skond l-attrici kien hemm ukoll diversi okkazjonijiet fejn il-konvenut kien jerfa' jdejh fuqha. Donnu wkoll illi l-konvenut kien joqoghod jittanta n-nisa u kellu wkoll hafna kunfidenzi ma' wahda miz-zijiet tieghu li kienet separata minn zewgha. Il-konvenut kien iqatta hafna zmien ghandha.

Illi r-relazzjoni sesswali bejn il-koppja, skond l-attrici, kienet wahda fqira hafna fis-sens illi l-konvenut ma kienx juri x-xewqa li jkollu x'jaqsam maghha. Kellha tkun l-attrici li tipprova tinstigah biex ikollhom x'jaqsmu ma xulxin, u skond hi, l-ftit drabi li kien ikollhom x'jaqsmu ma xulxin kienu proprju dawk fejn harget tqila.
Illi sakemm l-attrici telqet mid-dar minhabba li ma setghetx tissoporti izjed, l-atteggjament tal-konvenut fil-konfront taghha baqa' l-istess, u kif tispjega hi fi kliemha:- *'ir-ragel baqa' dejjem jittrattani hazin u dan anke quddiem it-tfal. Mhux l-ewwel darba wkoll li konna nkunu ghand ommi u kien jinfexx jghajjar lilha wkoll. Kien bhal donnu jiehu aktar pjacir jiksirni meta jkun hemm nies fil-prezenza taghna, aktar u aktar meta dawn in-nies ma konniex inkunu nafuhom.*'

Illi l-attrici mbaghad tispjega fi kliemha dan li gej:- '*Ma flahtx nissoporti aktar din is-sitwazzjoni. Kont imdejqa ghall-ahhar ghaliex barra li jiena qatt ma habbejt lil Emanuel izda zzewwigtu biss sabiex nitlaq mid-dar tal-genituri tieghi, ma flahtx aktar ghat-torturi li gieghelni nghaddi minnhom ir-ragel li zzewwigt.*'

Illi x-xhud **Connie Spiteri** li xehedet permezz ta' l-affidavit taghha (Dok. "C"), spjegat illi hi w l-attrici kienu ilhom jafu lill-xulxin minn mindu kienu zghar, u dan ghaliex trabbew flimkien minhabba li jigu minn xulxin. Madankollu, x-xhud tispjega li l-ewwel darba li rat il-konvenut Emanuel kien biss wara li l-partijiet kienu zzewwgu.

Illi Connie Spiteri tispjega fi kliemha li l-attrici kienet qaltilha li kienet ser tizzewweg lil Emanuel u li missierha ma kienx riedha tizzewwgu, ghaliex skond hu Emanuel

ma kienx jghodd ghaliha u kien ragel hazin. Hi xehedet hekk:-

*"Georgina kienet qaltli li hi kienet imdejqa d-dar ghaliex kienet tibza' hafna minn missierha u ghalhekk kienet lesta li tizzewweg diment li tkun tista' titlaq mid-dar u ma tibqax taht il-kontroll ta' missierha. Kienet qaltli ukoll li Emanuel ma tantx kien jittrattaha tajjeb izda qaltli li jekk titlaq mid-dar hi tkun aktar kuntenta"*.

Illi rigward l-atteggjament tal-konvenut Emanuel Agius fil-konfront ta' martu l-attrici, din ix-xhud tixhed hekk:-

*"Jiena sirt naf lil Emanuel hdejn il-post tax-xoghol tieghi. Kien proprju hawn li sirt naf li Emanuel kien ir-ragel ta' Georgina. Meta huwa sar jaf li jiena naf lil Georgina u li sahansitra nigi minnha kien joqghod jghidli kontriha. Kien jghidli li Georgina ma kienitx tajba ghal man-nies. Kien bniedem zorr hafna u sahansitra kattiv. Jien kont ninnota li jitkellem b'mod wisq baxx u jghid hafna kliem mhux xieraq fuq martu. Niftakar li darba minnhom, Georgina giet tarani w hu kien qieghed hemm ma' shabu. Kif raha, beda joffendiha w jkellimha hazin quddiemi u quddiem shabu. Niftakar ukoll li, gurnata fost l-ohrajn, Emanuel beda jiggieled ma' Georgina f'nofs tat-triq. Jiena thassartha lil Georgina w mort fuq Emanuel u tlabtu biex ma jibqax jittratta lil martu hekk izda huwa beda jhediddni u joffendi lili wkoll".*

Illi hi kompliet tixhed hekk:- *`Jiena gieli staqsejt lil Georgina jekk Emanuel kienx dejjem jittrattaha hekk. Hi kienet tghidli li dejjem hekk kien jaghmel u li gieli sawwatha wkoll. Kienet tghidli wkoll li hi kienet taf li huwa kien ihobb jittanta lit-tfajliet anke f'wiccha. Kellu vizzju wkoll li jxewwex lit-tfal taghha kontra ommhom. Georgina gieli qaltli wkoll li peress li hija ma kienitx tahdem, hi ma kellhiex flus u meta gieli kienet titolbu xi flus biex tkun tista' tixtri l-ikel u affarijiet ohra ghad-dar, huwa kien jirrifjuta u kien jghidilha li jekk trid il-flus kellha tmur tahdem ghalihom".*

Illi tenut kont ta’ dan kollu, din il-Qorti taqbel ma dak li sostniet il-brava perit legali li:-

*"fin-nuqqas ta’ provi kontrarji, hija konvinta li l-atteggjament tal-konvenut fil-konfront tal-attrici kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, kien wiehed ferm aggressiv, u nieqes ghal kollox mir-rispett u mill-imhabba. L-esponenti hija konvinta li fl-ebda mument fl-istorja tal-partijiet ma kienu jezistu fil-konvenut l-elementi ta’ mhabba, rispett u fiducja, shubija w 'committment’ fil-konfront ta’ l-attrici. Anzi donnu li l-konvenut kien sahansitra jistmerr l-attrici, u kien jikkunsidraha bhala xi haga zejda w inutili“.*

Illi fil-fatt jidher car li l-konvenut qatt ma ta kaz l-attrici w anki f’dak il-mument suppost sabih, u cioe` l-mument taz-zwieg innifsu, l-konvenut lanqas kien prezenti, izda kien l-Awstralja w ta prokura liz-zija tieghu sabiex tidher ghalih, meta probabbilment seta’ facilment jizzewweg l-ewwel, u mbaghad isib mezz kif il-partijiet jitilqu flimkien lejn l-Awstralja. Minflok, il-konvenut qabad u telaq `l hemm, u halla l-attrici tfendi ghal rasha u tara kif ser jirnexxilha ggemma bizzejjed flus biex tmur tghix hdejh.

Illi n-nuqqas ta’ rispett tal-konvenut lejn l-attrici johrog car ukoll mix-xhieda kemm taghha kif ukoll ta’ Connie Spiteri, meta dawn jghidu li l-konvenut kien joffendi w jghajjar l-attrici kontinwament quddiem in-nies. Johrog car ukoll in-nuqqas serju ta’ affezzjoni da parti tal-konvenut lejn l-attrici, w n-nuqqas ta’ emozzjoni sentimentali da parti tieghu.

Illi bla dubju, l-konvenut fl-ebda mument fir-relazzjoni bejnu w l-attrici ma kien fehem jew hass x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja mizzewga, kif spjegat izjed `l fuq, w fuq kollox jidher li ma kienx jezisti dak il-*benessere* reciproku bejn il-partijiet, li minghajru unjoni intima bejn il-partijiet ma tista’ qatt issehh. Zgur li l-konvenut qabel iz-zwieg ma kienx irrifletta fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u ma kienx kapaci li jerfa w jwettaq l-istess matul il-hajja matrimonjali.

Illi madankollu, hareg car hafna wkoll mix-xhieda prodotta, illi l-attrici zzewwget l-ewwel ragel li bdiet tohrog mieghu, f'dan il-kaz il-konvenut, ghas-semplici raguni li riedet tehles minn missierha, fis-sens illi riedet titlaq mid-dar ta' missierha, li milli jidher kien bniedem dixxiplinat hafna u li ghal xi raguni kien ibezza l-attrici sa certu punt illi kwalsiasi sitwazzjoni kienet tkun ahjar minn dik li kienet qed tghix dak iz-zmien.
Illi dan qed jintqal ghaliex l-attrici kienet konxja ta' l-attegjament ikrah hafna tal-konvenut fil-konfront taghha, u qatt ma idejalizzat is-sitwazzjoni tar-relazzjoni taghhom. Madankollu webset rasha u baqghet ghaddejja bir-relazzjoni w sahansitra ghamlet il-pjanijiet taghha biex tizzewweg il-konvenut bl-uniku ghan li tohrog mid-dar ta' missierha w tghix band'ohra.

Illi ghalhekk jista' jinghad li anki l-attrici kellha nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet w id-dmirijiet essenzjali taghha fil-mument meta tat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li hija wkoll tal-fehma illi ghar-raguniiet li ghadhom kif gew kkunsidrati, l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi rigward **l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** citat mill-attrici fic-citazzjoni minnha pprezentata, dan l-artikolu jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (`*colorem habens, substantiam vero nullam'*) kif ukoll dak parzjali (`*colorem habens, substantiam vero alteram'*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, 31 ta' Jannar 1996, u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"**, 14 ta' Awissu 1995, *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti*

*tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att posittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att posittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et"** (Q.K. - 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912) *"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero` bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cioe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-istremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kaz **'Bonnici vs Bonnici'** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat li l-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-Qorti f'decizjoni ohra taghha

**"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Mbaghad fil-kaz **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *'meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata*.' Fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:- *"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cioe` ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (P.A. 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **"Grech vs Grech'** (P.A. – 9 ta' Ottubru,1990), u **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar, 1991).

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali, li ma giex ippruvat li l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, w ghalhekk iz-zwieg ma jistax jigi dikjarat null u bla effett wkoll abbazi ta' dan l-**artikolu 19 (1) (f).**

Illi ghalhekk, mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, jirrizulta li t-talba tal-attrici ghandha tigi milqugha, izda limitatament fis-sens illi z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Frar 1972 ghandu jigi dikjarat null a bla effett, *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255**, izda ma jistax jigi dikjarat null u bla effett taht l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255**.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-11 ta' Frar 1972 kif indikat fl-Att taz-Zwieg numru ta' l-iskrizzjoni 317/72 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 sub-artikolu (1) paragrafu (d) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255)** kif sussegwentement emendat, ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

BI-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------